Diff: 22/04/2002

**TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR:**
**DR Audrey J. Demicoli LL.D.**

**Avviz. numru 258/02AJD**

**Peter Busuttil**

**vs**

**Public Broadcasting Services Ltd**

**Seduta mizmuma illum it-Tlieta, 26 ta' Marzu, 2002.**

**L-attur Peter Busuttil minn jeddu bil-Malti bil-gurament tieghu jghid:**

**F'Jannar 1998, jiena gejt inkarigat mis-socjeta konvenuta sabiex niprdouci program bl-isem 'Laring, habsin u bnedmin ohra', liema programm gie trazmess fuq l-istazzjon tal-PBS f'zewg partijiet wahda giet trazmessa fil-5 ta' Jannar 1998 u t-tieni parti giet trazmessa l-ghada fis-6 ta' Jannar. Il-programm kien jibda fid-9.15 p.m.**

**Qed nesebixxi estratt mill-Gazzetta Lokali minfejn jirrizulta li l-program kellu jigi trazmess fid-data li semmejt. Dan l-estratt qed jigi mmarkat bhala Dok. P1. Qed nesebixxi wkoll estrat iehor minn Gazzetta Lokali datata 1 ta' Frar, 1998, fejn ukoll jissemma l-programm in kwistjoni u l-fatt illi dan il-programm gie prodott minni. Dan l-estratt qed jigi mmarkat bhala Dok. P2.**

**Jiena kont gejt inkarigat mis-socjeta konvenuta sabiex nipproduci dan il-programm permezz ta' ftehiem verbali. Jiena kont tkellimiet ma Chief**

**Executive tas-socjeta konvenuta Albert Marshall.**

**Kien hemm prezenti wkoll xi ufficjali ohra tas-socjeta konvenuta, li jidhirli li kien hemm prezenti l-Head of Programms li dak iz-zmien kienet Syilvana Christina u xi nies ohra illi prezentament ma niftakarx min kienu. Kien hemm prezenti wkoll il-persuna inkarigata mill-camera man u l-audio man u niftakar li jiena kont inponejt kundizzjoni li l-camera man u l-audio man kellhom ikunu l-istess nies tul il-programm kollu.**

**Mistoqsi mit-Tribunal jekk kienx hemm ftehiem dwar il-hlas li kellu jsir ghal dan il-programm, nghid illi sar kliem dwar il-fatt li jiena kelli nithallas izda mhux dwar l-ammont.**

**Nixtieq nispecifika illi jiena dak iz-zmien, kont naghmel diversi programmi fuq l-istazzjonijiet tal-PBS.**

**Nixtieq nghid illi tul perjodu tas-sentejn jew tlett snin jien ghamilt diversi programmi fuq l-istazzjonijiet tal-PBS, u kien hemm xi programmi li ghad-dirittura jiena ma ezegejtx pagament ghalihom u dan minhabba li il-klima amikevoli li kienet tezissti bejni u bejn is-socjeta konvenuta, bhala ezempju nixtieq insemmi l-programm 'Delit fis-Swar' fejn is-socjeta konvenuta kella xi problemi mal-producers ta' dan il-programm u jiena issostitwejt l-imsemmija producer immedjatament sabiex naqdi lis-socjeta konvenuta.**

**Il-programm 'Laring u Habsin u bnedmien ohra' ma kienx wiehed min dawn il-programmi fejn jiena kont qbilt illi ma nithallasx akkont mis-socjeta konvenuta.**

**Il-figura mitluba fl-avviz wasalt ghaliha meta ikkonsidrajt in-numru tas-sieghat illi jiena utilizajt biex nahdem fuq il-produzzjoni tal-programm u anki n-numru ta' programmi li gew trazmessi.**

**Nispecifika li l-ispejjez naqbel li l-produzzjoni mhumiex inkluzi fil-fattura li hemm esebita a fol u mmarkata bhala Dok. B.**

**Il-prezz mitlub minni ghal-produzzjoni ta' dawn iz-zewg programmi hija fl-opinjoni tieghi pjutost baxxa.**

**Jiena ezigejt il-pagement ta' dan l-ammont minhabba, kif diga ghidt qabel, il-klima amikevoli li hemm bejni u bejn is-socjeta konvenuta.**

**Kif hemm specifikat li fil-fattura mmarkata bhala Dok B. Is-socjeta konvenuta kellha taghmel kontribuzzjoni ta' (Lm700.00) seba' mitt lira maltin, kif indikat fl-istess invoice. Jiena ma gejtx infrumat jekk din il-kontribuzzjoni hekk effetivament sarietx mis-socjeta konvenuta. Jiena kont tlabt illi l-kontribuzzjoni tkun fl-ammont ikbar, izda wara tratazzjoni li saret bejni u bejn is-socjeta konvenuta wasalna ghal figura ta' (Lm700.00) seba' mitt lira maltin.**

**L-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut mis-socjeta konvenuta, fis-sens li ma sar ebda pagament ta' l-imsemmija somma.**

**Kontro-ezami.**

**Mistoqsi x'kienet ir-raguni illi l-fattura inharget minni fis-sena 2001 meta l-programm kien gie trazmess fis-sena 1998, nghid illi r-raguni kienet minhabba l-klijma amikevoli li kienet tezisti bejni u bejn is-socjeta konvenuta u r-raguni hija wkoll specifikata fl-ittra tieghi li tinsab ezebita a fol mmarkata bhala Dok. C u datata fil-15 ta' Gunju, 2000.**

**Wara li gie trazmess dan il-programm jiena ghamilt xoghol iehor ghas-socjeta konvenuta u tul il-perjodu li ghadda bejn it-trazmissjoni tal-programm u d-data tal-invoice saru diversi laqghat mas-socjeta konvenuta fejn isemma li jiena kelli nithallas ghal l-imsemmi programm.**

**Kontro-ezami ulterjuri riservat.**

**Re-ezami.**

**Wara li gie trazmess il-programm, jiena ma rcivejt ebda ilment minghand is-socjeta konvenuta dwar il-kwalita tal-programm in oltre s-socjeta konvenuta qatt ma rrifjutat li thallasni ghal-imsemmija programmi.**

**Qed nesebixx hdax ir-ritratt li ttiehdu tul il-lavorazzjoni tal-programm, liema ritratti qed nesebixxi animo ritirandi u r-ritratti qed jigu mmarkati bhala Dok. P3 sa Dok. P13.**

**Din hija s-sustanza tax-xhieda tal-attur Peter Busuttil dettata mit-Tribunal fil-presenza tal-istess xhud.**

**Niddikjara li ttraskrivejt fis-sewwa u fedelment u fl-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-tape.**

**Lorianne Camilleri**
**Traskrittur**